# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 36**

**Rikors numru 50/21/1 LM**

**Antonio Mario Vella, Carmen Vella, u binthom Vanessa Vella**

**v.**

**Avukat tal-Istat, u għal kull interess li jista' jkollu r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u b'digriet tat-28 ta' Mejju 2021 ġie msejjaħ fil-kawża HSBC Bank Malta p.l.c.**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti Vella minn sentenza ta' nhar id-9 ta' Novembru 2022, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha b'liema ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u ma sabitx ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali hekk kif imħares bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-

Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

2. Ir-rikorrenti ressqu appell fis-7 ta’ Diċembru 2022. L-Avukat tal-Istat intavola risposta fid-19 ta’ Diċembru 2022 u l-HSBC Bank Malta p.l.c. ressaq ir-risposta tiegħu fit-3 ta’ Jannar 2023, biż-żewġ appellati jressqu l-eċċezzjoni tat-tardività tal-appell.

**Ikkonsidrat:**

**L-eċċezzjoni ta’ nullità tal-appell**

3. Kemm l-Avukat tal-Istat u kemm l-HSBC Bank Malta p.l.c eċċepew li r-rikors tal-appell tar-rikorrenti huwa *fuori termine* u konsegwentement null. L-HSBC Bank Malta p.l.c tgħid li r-rikors tal-appell ġie intavolat tmienja u għoxrin jum wara li ngħatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Iż-żewġ intimati jgħidu wkoll illi l-liġi applikabbli fil-każ odjern huwa r-regolament 4(2) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 12.09 li jipprovdi li r-rikors tal-appell għandu jiġi intavolat *entro* għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni appellata. L-HSBC Bank Malta p.l.c. jargumenta li dan it-terminu huwa wieħed ta’ ordni pubbliku u ma jippermetti li ssir l-ebda deroga u li peress li s-sentenza laħqet saret *res judicata* mhux permess li l-kontestazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet terġa’ tinfetaħ. Jitolbu li b’hekk din il-Qorti għanda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ta’ appell.

4. Is-sentenza appellata ngħatat fid-9 ta' Novembru 2022. Il-proċeduri odjerni huma proċeduri ta' natura kostituzzjonali u konsegwentement japplika r-regolament 4(2) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 12.09 tal-Liġijiet ta' Malta (**Ara Eugenio Camenzuli et v. Moses Zammit Et -Rik. Kost. 279/21/1/).** L-Artikolu 4(2) jipprovdi li r-rikors tal-appell għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni appellata. Għalhekk, f'dan il-każ l-appell kellu jiġi preżentat sa mhux aktar tard mid-29 ta' Novembru 2022. Jirriżulta però li l-appell tar-rikorrenti ġie preżentat fis-7 ta' Diċembru 2022 u għalhekk huwa minnu li dan l-appell ġie preżentat *fuori termine*. Kif saħqet din il-Qorti fil-kawża **L-Avukat Dr Cedric Mifsud noe v. Awtorità għat-Trasport f'Malta et**[1]:

> "…t-terminu għal preżentata tar-rikors tal-appell huwa wieħed legali u għalhekk ta' ordni pubbliku. B'hekk m'huwiex possibbli li dan ir-rikors jiġi sanat, u l-preżentata fuori termine tiegħu tagħmlu null għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi…"

5. Għaldaqstant l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u tal- HSBC Bank Malta p.l.c huma fondati u qed jiġu milqugħa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' nullità tal-Avukat tal-Istat u tal-HSBC Bank Malta p.l.c. u tiddikjara li l-

[1] Rikors Nru 19/2019 - QK

appell tar-rikorrenti sar *fuori termine*, u konsegwentement tiddikjara l-istess appell null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

L-ispejjeż tal-appell jitħallsu mir-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da